MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Numru 423/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Spiteri)**

**vs**

**John Camilleri**

Illum 14 ta’ Gunju, 2005

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom John Camilleri ta’ 43 sena, imwieled Pieta` nhar it-8 t’Ottubru 1960 u li joqghod 108, Lija Street, Zabbar u li ghandu karta ta’ l-identita` bin-numru 657460(M) gie akkuzat:

Talli nhar l-Erbgha, fit-23 ta' Mejju 2004 ghall-habta tas-0130am gewwa t-triq Dicembru 13, fil- fil-Marsa kiser il-paci u 'l-bon ordni b'ghajjat, glied u storbju u dana bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli f' l-istess dat, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq jew ikkaguna hsara lill-proprjeta privata, mobbli jew immobli, liema hsara tammonta ghal iktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-dannu ta' Isabella Zammit minn H'Attard fuq il-vettura ta' l-ghamla Lancia ta' mudell Thema b'numru ta' registrazzjoni ABB-893 u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi hedded u ngurja bil-kliem lil Isabella Zammit minn H'Attard u dana bi ksur ta' l-artikolu 338(I) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ili barra il-piena stabilita tapplika ukoll l-art 383 tal-Kap. 9.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-kap 9.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MS3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2004 l-Ispettur Malcolm Spiteri bil-gurament xehed illi:

"Fit-23 ta' Mejju, 2004, Isabella Zammit kienet ghaddejja min-nizla ta' l-Addolorata fid-direzzjoni lejn il-Marsa fejn giet imwaqqfa minn certu John Camilleri bil-karrozza, tefa'

l-karrozza quddiemha u gieghelha tieqaf fil-genb, dan hareg barra u beda jghidilha li “Ilqattni bil-karrozza” kif kienu qed jistennew fuq il-*lights.”* Hi qalet li ma kienet taf bl-ebda habta, hu baqa’ jinsisti li missitlu l-karrozza, poggielha fuq il-*bonnet* tal-karrozza u beda jsabbtilha fuqha waqt li kien qed jitkellem hazin u jheddidha biex ma ticcaqlaqx minn hemm. Hi kienet ghamlet manuvra biex ticcaqlaq pero` hu poggielha fuq il-bonnet biex ma ticcaqlax minn hemmhekk.

Dak il-hin qablu li jcemplu lill-Pulizija u gew il-Pulizija mill-Ghassa tal-Hamrun minhabba li fejn twaqqaf kien jaghmel ma’ l-Ghassa tal-Hamrun. Telghu l-Ghassa tal-Hamrun fejn hemmhekk PC 46 iccekkja jekk hemmx xi daqqiet jew le, nizzel ir-Rapport fl-Okkorrenza pero` imbaghad giet referuta ‘l ghada filghodu biex tigi l-Ghassa ta’ Rahal il-Gdid minhabba li l-incident kien sar fuq Distrett ta’ Rahal il-Gdid.

Lil Isabella Zammit ghamilnilha talba biex iggib stima ufficjali fejn hi pprezentata xi ftit granet wara tal-hsarat li ghandha li dawn jammontaw ghal mitt lira Maltin (Lm100). John Camilleri gie l-Ghassa fejn irrilaxxja Stqarrija volontarjament wara li nghata s-solitu Twissija. Qed naghraf il-firma tieghi, lill-imputat fl-Awla u l-firma ta’ l-imputat filwaqt li qed naghraf ukoll il-firma tas-Surgent 1382 Joseph Agius.

Qed niddikjara li qed nesebixxi d-Dokument MS4 fejn jikkontjeni l-Istqarrija ta’ John Camilleri.”

In kontro-ezami l-Ispettur Malcolm Spiteri qal:

“Ahna direttament, jien direttament le, pero` raha Pulizija Kuntistabbli. Le, jien personali ma rajthiex minhabba li giet ‘l ghada fil-ghodu, pero` raha Kuntistabbli mill-Ghassa tal-Hamrun, u dan in kwantu ghall-hsara tal-vettura.

L-incident gara f’xi s-siegha u nofs ta’ filghodu (1:30 a.m.) u huma baqghu sejrin dritt l-Ghassa dakinhar. Il-Kuntistabbli tal-Hamrun skond jiena iccertifika dak li ra dak il-hin pero` skond hu kien id-dlam u ma setax

jiccertifika jekk fic-cert jekk kienx hemm hsarat jew le. B’hekk irrefera lil Ms. Isabella Zammit filghodu. Ir-Rapport tal-Kuntistabbli tal-Hamrun jien rajtu. Il-hsarat kien hemm imnizzel li hu ma setax jarahom ghax kien bil-lejl. U jien qed nghid illi m’hemm l-ebda hsara ghaliex peress li hu ma setax jarahom, pero` miniex qed nghid li kien hemm hsarat. Il-Pulizija tal-Hamrun ma nizzilx li kien hemm hsarat f’dak is-sens.”

Fl-istess Seduta tal-20 ta’ Lulju, 2004 xehdet ukoll Isabella Zammit bil-gurament li qalet:

“Nghid illi fit-23 ta’ Mejju tas-sena kurrenti jien kont gejja min-naha tac-cimiterju u kif wasalt ftit qabel ir-*roundabout* tas-Salib tal-Marsa qabzitni karrozza, waqqfet f’daqqa u hareg l-imputat li qed naghrfu prezenti fl-Awla minn din il-karrozza. Huwa beda jghid li jien lqattlu l-karrozza. Jien dak il-hin lanqas fhimtu. Nghid illi jien kieku lqattlu l-karrozza kont inhossha. Lilu rrispondejtu illi mhux veru, jiena ma kontx ilqattlu l-karrozza. Jiena ghidt il-kliem ma fhimtux fis-sens illi ghax kieku jiena hbatt kont inkun naf li hbatt. Jien ghidtlu biex hu jhallini mmur, ghidtlu ghax inkella incempel lill-Pulizija, huwa beda jsabbat fuq il-*bonnet* tal-karrozza tieghi u hu qalli jekk jiena niccaqlaq minn hemm ikissirli l-karrozza. Jien ghalaqt il-hgieg tal-karrozza ghax bdejt nibza’ u cempilt lill-Pulizija.

Huwa beda jitkellem b’ghajjat. Nghid illi meta l-imputat hareg mill-karrozza tieghu, hu beda jkellimni b’rabja u wkoll beda jxejjer idejh. Fuq domanda ta’ l-Ufficjal Prosekutur jekk l-imputat il-hin kollu sakemm gew il-Pulizija baqax jiggestikolu u jghajjat b’rabja nghid mhux il-hin kollu ghaliex il-Pulizija kienet damet ma tigi xi nofs siegha.

Nghid jien ma ghamilt l-ebda manuvra biex nitlaq minn fuq il-post. Li ghamilt huwa li ghidt lill-imputat biex lili jhallini nitlaq bil-kwiet ghax inkella kont se ncempel lill-Pulizija. Nghid meta jiena mbaghad mort l-Ghassa l-Hamrun, huma saqsewni jekk kelli xi hsarat, jiena hsibt li kienu qed jirreferu ghall-hsarat ta’ madwar il-kantunieri tal-karrozza u jien ghidtilhom “Zgur li m’ghandix hsara, zgur ma hbattx”.

‘L ghada fil-ghodu, fid-dawl tax-xemx, indunajt li l-*bonnet* tal-karrozza tieghi kellu tliet (3) makkjaturi u jien mbaghad ghidt lill-Pulizija. Qieghda nesebixxi kopja ta’ l-istima tal-hsarat li sofrejt jiena fuq il-vettura tieghi li qieghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok. IZ1. Nghid li l-vettura tieghi hija *Lancia Tema*, Registration number ABB 893. Nghid illi jiena certa, u nikkonferma bil-gurament tieghi, li dawna l-makkjaturi li kien hemm fuq il-*bonnet* tieghi ma kienux hemm qabel. Nikkonferma ghalhekk illi graw waqt dana l-incident li semmejt”.

In kontro-ezami l-istess xhud qalet:

“Nghid li din il-vettura ilha ghandi xi tnax-il (12) sena. In kwantu ghal kif inzomm din il-vettura, nghid li din il-vettura inzommha mhux hazin. Jiena nerga’ nghid u nikkonferma bil-gurament tieghi li dawna l-makkjaturi li kien hemm fuq il-*bonnet* tal-karrozza tieghi kienu saru waqt l-incident illi semmejt u insostni li ghamilhomli l-imputat.

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur f’liema karreggjata kont jiena waqt l-incident. Nghid ma niftakarx. Nghid illi jiena fl-ebda hin ma rajt lill-imputat ma’ genbi fil-karrozza tieghu hdejn il-*lights*. U hawn nixtieq nippreciza li jiena fuq il-*lights* innutajt karrozzi ma’ genbi; li ma rajtx huwa lill-imputat gewwa l-karrozza li kien hemm ma’ genbi. Jiena nichad illi jiena meta hrigt mil-*lights* ilqatt lill-karrozza ta’ l-imputat. Nghid illi jiena cert li jiena meta hrigt mil-*lights* ma dhaltx gol-karrozza li kien hemm hdejja. Nghid illi jiena meta gejt biex hadt il-liwja, jiena bqajt inzomm l-istess linja tal-karreggjata li kont fiha meta kont qieghda hdejn il-*lights.*

Nghid, qieghda nigi mistoqsija mill-avukat difensur jekk jiena minn warajja smajtx xi hadd idoqq il-horn jew xi hadd iteptipli l-*lights*, nghid li le.

Qed jigi suggerit lili mill-avukat difensur illi jiena meta l-imputat kien gie bil-karrozza tieghu ghal quddiemi jiena pprovajt nahrab minn fuq il-post billi nirriversja u nghid illi dana jiena nichdu. Nghid l-imputat beda jaghti fuq il-

*bonnet* b'idejh. Nghid illi l-imputat intefa' 'l quddiem ghal fuq il-*bonnet* tieghi u beda jsabbat fuq il-*bonnet.*

Nghid meta konna morna l-Ghassa tal-Hamrun dak in-nhar kien hareg Pulizija tal-Hamrun ispezzjona barra l-karrozza tieghi. Nghid illi fil-fatt bhala fatt il-Pulizija kien uza *torch* biex jispezzjona l-karrozza tieghi ghax kien id-dlam, huwa dar l-erba' (4) kantunieri tal-karrozza tieghi. Nghid li meta dan il-Pulizija spezzjona l-karrozza jien kont qieghda mieghu. Jiena ma rajtx lil dan il-Pulizija jispezzjona s-saqaf, il-*boot* u l-*bonnet* tal-karrozza.

Nghid jiena lill-Pulizija fl-Ghassa tal-Hamrun ghidtilhom illi l-imputat kien ta daqqiet fuq il-*bonnet* tal-karrozza tieghi, u nahseb li kont ghidtilhom wara li kienet saret l-ispezzjoni mill-Pulizija".

Illi fis-Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004 Dr Michael Grech ghall-imputat ezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lix-xhud PS 1382 Joseph Agius bhala xhud ta' l-i*statement* l-imputat esebit bhala Dok. MS4 u li jinsab a fol 12 tal-process.

Illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2004 xehed bil-gurament PS 426 Anthony Portelli li qal:

"Nghid illi fit-23 ta' Mejju tas-sena 2004 jien kont qieghed l-Ghassa tal-Hamrun u rcevejt telefonata u dina t-telefonata saret minn Isabelle Zammit. Dina qaltli li hi kienet qieghda fil-karrozza l-Marsa u qalet li ma setghetx issuq ghax kien hemm ragel kien qieghed izommha milli ssuq.

Nghid illi s-Surgent li kien xoghol dak in-nhar l-Ghassa tal-Hamrun, PS 86, mar fuq il-post u meta gie lura infurmani li ma kien sab xejn. Regghet cemplet l-istess persuna u dina rrepetiet li qaltilna qabel, rega' mar PS 86 fuq il-post pero` rega' ma sab xejn.

Nghid illi mbaghad ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' fil-ghodu (2:30 a.m.) Isabella Zammit flimkien ma' l-imputat kienu gew l-Ghassa tal-Hamrun, u hawn nixtieq nghid li

sakemm PS 86 kien rega' gie lura l-Ghassa qablu kienu gew l-imputat u dina Isabella Zammit. Inzid nghid li ahna ma konniex sibnihom ghaliex l-incident sehh fiz-zona ta' Rahal il-Gdid u mhux fiz-zona taghna, u nghid illi peress illi dawn kellhom il-fakolta` li jaghmlu r-rapport f'liema Ghassa jridu, ahna lqajna r-rapport u infurmajna lil PS 1382 dwar ir-rapport.

Skond dina Isabella Zammit, l-imputat kien beda jsabbat fuq il-*bonnet* taghha b'idejh u qal xi kliem ta' theddid. Jiena mbaghad irreferejtha ghas-Surgent PS 1382 ta' l-Ghassa ta' Rahal il-Gdid biex dina tirreferi ghalihom, lil ta' Rahal il-Gdid. Nixtieq nghid illi dwar l-allegazzjoni illi l-imputat beda jsabbat fuq il-*bonnet* tal-karrozza taghha, peress li kien bil-lejl, ahna ma konniex f'posizzjoni li nkunu nistghu naraw jekk effetivment kien hemmx xi grif jew xi hsara fuq il-*bonnet.*

Qieghed nesebixxi bhala Dok. GNS1 l-Okkorrenza tal-Pulizija rigwardanti dana l-incident. Nghid dina l-Okkorrenza dahhaltha jiena u hija ffirmata minni. Nixtieq nghid illi pero` nghid pero` hemm zieda fil-parti tal-*Police Investigation* fuq din l-Okkorrenza maghmula minn haddiehor. Nghid illi dak il-hin li l-imputat u Isabella Zammit gew l-Ghassa innutajt li dina Isabella Zammit dehret imbezza' u nghid illi l-imputat deher nervus. Fil-fatt sikkitnih ahna u ghidnilu biex jikkalma."

In kontro ezami l-istess xhud qal:

"B'referenza ghat-tieni faccata ta' dana l-i*Statement* u allura b'referenza partikolari ghall-ahhar paragrafu fejn hemm riferita ghal dak li jirrigwarda l-*Paola Police Station,* nghid dik il-parti ta' l-Okkorrenza m'ghamilthiex jiena.

Nghid illi in kwantu ghall-versjoni ta' l-imputat, dina wkoll hija mnizzla fl-Okkorrenza li ghadni kif esebejt u pero` li nista' nghid fil-qosor, dak li niftakar, dwar dak li niftakar jien, li l-imputat qalilna li hu u din Isabella Zammit kienu qieghdin it-tnejn hdejn xulxin hergin hdejn il-*lights* li hemm il-Marsa, li dina Isabella Zammit kienet laqtitlu l-vettura tieghu u kienet baqghet sejra u huwa pprova jwaqqafha.

In kwantu ghal Isabella Zammit, lili kienet qaltli li hi ma tafx jekk kenitx laqtitu jew le lill-imputat, fis-sens jekk laqtitx lill-karrozza ta' l-imputat jew le, u qaltli wkoll li baqghet sejra u qalet ukoll li kienet imbezza'. Nghid illi l-versjoni wkoll ta' din Isabella Zammit tinsab fid-dokument, fl-Okkorrenza li ghadni kif esebejt illum. Skond Isabella Zammit dina qaltli li l-imputat baqa' isuq ghal warajha, irnexxielu jwaqqafha, qaltli wkoll li dan kien beda jaghmlilha s-sinjali biex tieqaf u dina qaltli wkoll li dan mbaghad hu rnexxielu jwaqqafha billi hu bil-persuna tieghu mar quddiem il-karrozza taghha u huwa beda jsabbat fuq il-*bonnet*. Fil-fatt nghid illi skond l-Okkorrenza li ghadni kif esebjt bhala Dok. GNS1, nghid illi lili dina Isabella Zammit qaltli li dana kien waqqafha billi kien waqqafha u mbaghad qaghad bil-qieghda fuq il-*bonnet* u beda jsabbat b'idejh fuq il-*bonnet*.

Nghid illi bhala prattika tieghi jiena meta ninghata versjoni minn persuna, dina innizzilha fl-Okkorrenza, dana nerga' naqrah lill-persuna u nsaqsiha jekk ghandhiex xi zzid ma' dak illi jkun tnizzel u nghid illi f'dan il-kaz jiena hekk ukoll ghamilt, u anzi nghid illi jiena lill-persuna ninfurmaha li anke jekk tkun trid 'l ghada zzid xi haga ma' l-informazzjoni li tkun diga` tnizzlet, tista' tigi wkoll halli titnizzel. Filwaqt li nikkonferma li jiena kont ghidt lil Isabella Zammit biex hi tmur ghall-ispezzjoni tal-karrozza taghha l-Ghassa ta' Rahal il-Gdid, nghid illi z-zewg vetturi, kemm dik ta' l-imputat kif ukoll ta' Isabella Zammit, ahna konna spezzjonajnihom quddiem l-Ghassa tal-Hamrun ghal dak li jirrigwarda hsarat tal-kollizzjoni.

Nixtieq inzid nghid li jiena meta spezzjonajna l-karrozza ta' Isabella Zammit dak il-hin il-hsarat fuq il-*bonnet* ma rajthomx, u jiena ghalhekk ghidtilha li jekk imbaghad tiskopri li kellha xi hsarat fuq il-*bonnet* hi kellha tmur ghall-ispezzjoni Rahal il-Gdid, u dana ghaliex jekk kemm-il darba kienu jirrizultaw dawn il-hsarat din ma tibqax iktar kwistjoni ta' kollizzjoni imma ghandha ssir referenza lill-Ispettur.

Jiena l-vettura ta’ Isabella Zammit spezzjonajtilha l-quddiem tal-karrozza u d-dawra kollha tal-karrozza, u fil-karrozza taghha ma dehrux hsarat li ghandhom x’jaqsmu ma’ kollizzjoni.

Nghid jiena l-*bonnet* dak il-hin il-*bonnet* tal-karrozza dak il-hin jiena kont rajtu u nghid li fuqu pero` dak il-hin ma rajtx hsarat.  Nghid illi jiena in kwantu ghall-vettura ta’ l-imputat spezzjonajtha, sibtilha hsarat u indikajthom fl-Okkorrenza li esebejtha bhala Dok. GNS1.  Jiena fuq din il-karrozza ta’ l-imputat li sibt huma, innutajt selha li jiena ddeskrivejtha bhala *scratches* fl-Okkorrenza u li kkwalifikajthom bhala *slight scratches*.  Dawna kienu fuq in-naha tax-xellug tal-*bumper*, u dana tal-*bumper* ta’ quddiem.

Jiena li rajt kienet selha fuq il-*bumper* u jiena dina ikkwalifikajtha bhala selha *slight.*

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk dina l-hsara kenitx facilment vizibbli, nghid illi din il-hsara kienet tidher.  Jiena in kwantu ghall-ispezzjoni li ghamilt fuq il-vettura ta’ Isabella Zammit nghid jiena mill-ispezzjoni tieghi irrizultali illi dina ma kellhiex hsarat u jiena fl-Okkorrenza fil-fatt nizzilt illi din ma kellhiex hsarat.”

Fl-istess seduta tas-27 ta’ Settembru 2004 xehed bil-gurament Horace Mifsud li qal:

“Jiena rapprezentant tal-kumpanija *U.C.I.M.*  Nghid illi fis-26 ta’ Mejju tas-sena 2004 giet fil-garaxx taghna f’San Gwann ghal biex tigi spezzjonata l-karozza taghha certa Mrs. Zammit u li dina gabet il-vettura *Lancia Thema*, liema vettura kellha r-*registration number* ABB 893.  Dina talbet li ahna nispezzjonawlha l-vettura ghaliex hija qalet illi din kellha xi hsarat.  Nghid illi mill-ispezzjoni taghna dina rrizultalna li din kellha ghafsiet fuq il-*bonnet*, u dina ahna bhala hsarat stmajnihom bhala *panel beating* ghoxrin lira (Lm20) u bhala *spray painting* kellha *eighty pounds* (Lm80), dana bil-VAT eskluz, u ghalhekk it-total tal-hsarat jammonta ghal mitt lira Maltin (Lm100) eskluz il-VAT.

Qieghed nesebixxi l-istima tax-xoghol li semmejt fl-ammont ta’ mitt lira Maltin (Lm100) eskluz il-VAT, liema dokument qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. HMF1. Nghid illi dina Mrs. Zammit lilna kienet indikatilna fejn qieghda l-hsara bhala fuq il-*bonnet* ta’ quddiem.”

In kontro ezami l-istess xhud qal:

“Nghid li jiena dina l-vettura jiena spezzjonajtha. Nghid dina l-hsara kienet qieghda fuq il-*bonnet* kif indikat fuq l-istima stess li jien ghadni kif esebejt bhala Dok. HMF1.

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur dwar f’liema parti mill-*bonnet* kien hemm dawna l-hsarat. Nghid illi ma niftakarx il-punt ezatt tal-*bonnet* fejn kien hemm dina l-hsara. Nghid illi l-hsara fuq il-*bonnet* kienet tikkonsisti f’taghfis fuq il-*bonnet.*”

Fis-seduta tat-28 ta’ Marzu 2005 in kontinwazzjoni tal-kontro ezami Isabella Zammit bil-gurament qalet:

“Fid-data ta’ l-incident jiena fl-ebda hin ma rajt lill-imputat jaghmilli xi sinjal biex jiena nieqaf. Jiena nghid wara li qed nigi mistoqsija mid-Difiza jekk jiena hux certa li l-imputat lili kien ghamilli sinjali biex nieqaf nghid hu illi jiena li niftakar huwa li hu kien waqaf bil-karozza tieghu quddiem il-karozza tieghi. Jiena ma niftakarx illi l-imputat lili beda jaghmilli xi sinjali biex jiena nieqaf. Nikkonferma li dakinhar kienu gew il-pulizija fuq il-post. Jien dak il-hin li kont mort l-ghassa ma kellix mohh il-bonnet, dak il-hin jien kont imwerwra. Jiena dak il-hin jien kont ghidtilhom lill-pulizija li l-imputat kien beda jsabbat fuq il-bonnet, li m’ghidtilhomx kien biex jiccekkjawli l-bonnet ghal xi hsara. Nikkonferma li l-ghada ta’ l-incident jien mort l-Ghassa ta’ Rahal Gdid. Jiena mort naghmel rapport li kelli hsarat fuq il-bonnet. Ma niftakarx lil min kellimt pulizija f’din l-okkazjoni. Qed nghid illi jiena kont hadt xi ritratti biex jindikawli l-hsarat pero` nghid illi l-pulizija li kellimt l-Ghassa ta’ Rahal Gdid li ma nafx min hu, nghid li hu ma kienx hareg jiccekkja l-karozza dwar dawn il-hsarat. Ir-ritratti jiena hallejthom l-ghassa.”

In ri ezami l-istess xhud qalet:

“In ri ezami nghid illi nikkonferma li meta kont qeghda l-Ghassa tal-Hamrun fil-lejl ta’ l-incident il-pulizija mill-Ghassa tal-Hamrun kien hareg barra u dar mal-karozza kollha biex jara jekk hux veru li kienet saret il-habta li kien allega l-imputat. Nghid illi jiena dak il-hin li kont ghamilt ir-rapport l-Ghassa tal-Hamrun nghid jiena ma kelli l-ebda biza li kien hemm xi hsara fuq il-bonnet. Il-biza tieghi kien illi huwa u cioe` l-imputat beda jsabbat f’nofs ta’ triq fuq il-bonnet.”

Fl-istess seduta tat-28 ta’ Marzu 2005 xehed ukoll l-Ispettur Malcolm Spiteri li bil-gurament, in kontinwazzjoni tal-kontro ezami qal:

“Qed nigi mistoqsi mid-Difiza b’referenza ghal Dok GNS 1 li hija l-okkorenza tal-pulizija referribilment ghall-ahhar paragrafu ta’ a fol 25 tal-process u fil-kontinwazzjoni tieghu fl-ewwel sentenza f’fol 26 tal-process nghid illi dwar din il-parti mizjuda fl-okkorenza, u qed nigi mistoqsi mid-Difiza min ghamilha nghid illi l-okkorenza kienet giet inizjata minn PC 426 Anthony Portelli. Nghid pero` imbaghad l-update u allura b’refeenza ghal din il-parti li qed taghmel referenza ghaliha d-difiza minn PS 1382 Joseph Agius. Nghid a fol 26 tal-process eranjament hemm indikat bhala PS 1382 J Bugeja nghid fil-fatt dan kien PS 1382 Joseph Agius. Jiena nikkonferma li z-zieda maghmula fl-okkorenza li jirrigwarda r-rapport fl-Ghassa ta’ Rahal Gdid saret minn PS 1382 Joseph Agius. Kwantu ghal parti li tinsab a fol 26 tal-process u cioe` Police version of events, mill-istess okkorenza nghid illi milli nista’ nifhem din il-parti kien ghamilha PC 3426.”

Fis-Seduta tat-28 ta’ Marzu 2005 xehed ukoll, minn jeddu, bil-gurament, John Camilleri li qal:

“Jiena l-imputat f’din il-kawza. Rigwardanti l-incident fid-data tat-23 ta’ Mejju 2004 nghid illi dan l-incident beda billi jien u Isabella Zammit konna qeghdin fuq il-lights tal-Marsa sejrin lejn il-Belt. Kif xeghel l-ahdar soqna f’daqqa, jiena kont qieghed fuq in-naha ta’ barra, fuq in-naha tal-

lemin u konna qeghdin induru hekk ezatt u x'hin konna qeghdin induru jien u bil-vettura taghha Isabella Zammit, din Zammit lili laqtitni. Din billi meta hi daret minn fuq il-lane taghha giet ghal fuq il-lane tieghi u laqtitni, u laqtitni fuq il-bumper ta' quddiem tan-naha tax-xellug. Jien daqqejtilha l-horn, xeghltilha l-bright biex din tieqaf, jien waqaft ghal ftit sekondi mal-hajt. Fil-fatt hi baqghet sejra u jien fil-fatt bdejt insuq ghal warajha. Imbaghad iltqajna hdejn ir-roundabout tas-Salib tal-Marsa, jien waqaft quddiemha u jien inzilt mill-karozza u mort hdejha u jien habbatilha fuq il-hgieg tal-karozza u din la nizzlet il-hgiega u lanqas kellmitni. Ghidtilha li hi kienet laqtitni bil-karozza, ghidtilha li kont xeghltilha d-dawl. Hi l-hgiega ma nizzlitiex, jien ghidtilha allura cempel il-pulizija jew immorru l-Ghassa tal-Hamrun. Jien imbaghad mort quddiem il-karozza taghha biex nodhilha n-numru minn fuq in-number plate u hi imbaghad kif kont qed nohdilha n-numru din Zammit kienet sejra ssuq u jien qghadtilha quddiem il-karozza taghha. Jien imbaghad dhalt fil-karozza tieghi, imbaghad wara ftit hin gew il-pulizija u lili sabuni bil-qeghda fil-karozza tieghi, imbaghad morna naghmlu r-rapport. Jien fl-ebda mument ma heddidtha lil din Isabella Zammit. Nghid meta gew il-pulizija fuq il-post sabuna, lili bil-qeghda fil-karozza tieghi u Isabella Zammit bil-qeghda fil-karozza taghha. Jien qatt ma missejt il-karozza taghha, nichad li jien sabbathilha fuq il-bonnet u nghid illi jien il-bonnet taghha ma missejtu xejn. Nghid meta morna l-Ghassa tal-Hamrun jien kont prezenti u kien hemm ukoll Isabella Zammit. Fil-hin li ahna konna qeghdin hemmhekk flimkien jien ma smajtx lill-Isabella Zammit issemmi l-ghafsa fuq il-bonnet taghha. Nghid illi imbaghad nixtieq nghid ukoll li kienu l-pulizija li hargu jaraw il-karozza tieghi, jaraw il-bumper, u nghid illi sabu illi l-bumper tieghi li huwa ta' kulur silver kellu marka kbira sewda. Nixtieq nghid illi imbaghad il-pulizija lili qaluli biex nistenna barra imbaghad il-pulizija marru jaraw il-karozza ta' Isabella Zammit. Jiena rajt il-pulizija jiccekkja l-karozza ta' Isabella Zammit idur mal-bumper tal-karozza taghha. Jiena ma rajtu jiccekkja xejn izjed mill-karozza ta' Isabella Zammit. Ma stajtx smajthom jghidu diskors ghax ma kontx qieghed f'distanza li nismaghhom. Nghid illi in kwantu ghal stima ta' hsara tal-bumper tieghi din

ammontat fl-ammont ta' erbgha u tletin liri Maltin u tmienja u sittin centezmi (Lm34.68). Dan skond stima li ghamilt ma' l-Automobile Survey bureau Limited, ta' 5 Naxxar Road, San Gwann Malta."

In kontro ezami l-imputat qal:

"Nghid illi l-incident sehh wara nofs il-lejl tat-23 ta' Mejju 2004. Nghid fit-triq ftit kien hemm karozzi u wiehed setgha jsuq facilment. Nghid illi hdejn is-Salib tal-Marsa jien meta ilhaqt lil Isabella Zammit jien waqqaft il-karozza tieghi quddiem il-karozza taghha biex inwaqqafha. Jien ma ghamiltilha l-ebda sinjali biex inwaqqafha. Hawnhekk naghmel korrezzjoni fis-sens illi jiena mill-bidu nett bdejt naghmel sinjali bil-flash tal-karozza fis-sens illi bdejt nifflaxxja d-dawl tal-karozza u wkoll ghamilt sinjali fis-sens illi daqqejt il-horn imma b'idejja m'ghamiltx sinjali. Nghid illi imbaghad Isabella Zammit mill-ewwel kienet waqfet. Nghid illi jien meta waaqafth mort hdejn il-karozza taghha Isabella Zammit kemm damet fil-karozza lili xejn ma kellmitni. Qed nigi mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur jekk Isabella Zammit dehritx imbezza nghid illi ma nafx. Nghid illi lili ma kenitx kellmitni u nghid ukoll li kienet ghamlet moviment biex hi titlaq minn fuq il-post. Hija rriversjat u kienet sejra l-quddiem u jien ghalhekk mort ghal quddiem il-karozza taghha u dan kien il-hin meta jien kont ser niehu n-numru tan-number plate tal-karozza ta' Isabella Zammit. Jiena fl-ebda hin ma poggejt idejja fuq il-karozza ta' Isabella Zammit."

Il-Qorti hi tal-fehma li din il-kawza hi ippernjata fuq kwistjoni ta' kredibilita` ta' xhieda.

Illi x-xhud Isabella Zammit in kontro-ezami fis-Seduta tal-20 ta' Lulju, 2004, *inter alia*, qalet: "Jiena nichad illi jiena meta hrigt mil-*lights* ilqatt lill-karozza ta' l-imputat. Nghid illi jiena cert li jiena meta krigt mil-*lights* ma dhaltx gol-karozza li kien hemm hdejja."

Fis-Seduta tat-28 ta' Marzu, 2005 John Camilleri, *inter alia*, xehed illi: "Kif xeghel l-ahdar soqna f'daqqa, jiena kont qieghed fuq in-naha ta' barra, fuq in-naha tal-lemin u

konna qeghdin induru hekk ezatt u x'hin konna qeghdin induru jien u bil-vettura taghha Isabella Zammit, din Zammit lili laqtitni. Din billi meta hi daret minn fuq il-lane taghha giet ghal fuq il-lane tieghi u laqtitni, u laqtitni fuq il-bumper ta' quddiem tan-naha tax-xellug".

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal bran mill-kontro-ezami tax-xhud PS 426 Anthony Portelli (Seduta tas-27 ta' Settembru 2004) fejn dan qal: "Nghid illi jiena in kwantu ghall-vettura ta' l-imputat spezzjonajtha, sibtilha hsarat u indikajthom fl-Okkorrenza li esebejtha bhala Dok. GNS 1. Jiena fuq din il-karrozza ta' l-imputat li sibt huma, innutajt selha li jiena ddeskrivejtha bhala *scratches* fl-Okkorrenza u li kkwalifikajthom bhala *slight scratches*. Dawn kienu fuq in-naha tax-xellug tal-*bumper*, u dana tal-*bumper* ta' quddiem.

Jiena li rajt kienet selha fuq il-*bumper* u jiena dina ikkwalifikjatha bhala selha *slight.*

Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur jekk dina l-hsara kenitx facilment vizibbli, nghid illi din il-hsara kienet tidher."

Fil-kontro-ezami ix-xhud Isabella Zammit (Seduta tal-20 ta' Lulju, 2004) *inter alia*, qalet: "Nghid meta konna morna l-Ghassa tal-Hamrun dak in-nhar kien hareg Pulizija tal-Hamrun ispezzjona barra l-karozza tieghi. Nghid illi fil-fatt bhala fatt il-Pulizija kien uza *torch* biex jispezzjona l-karrozza tieghi ghax kien id-dlam, huwa dar l-erba' (4) kantunieri tal-karrozza tieghi. Nghid li meta dan il-Pulizija spezzjona l-karrozza jien kont qieghda mieghu. Jiena ma rajtx lil dan il-Pulizija jispezzjona s-saqaf, il-*boot* u l-*bonnet* tal-karrozza."

Hawn il-Qorti ticcita bran mill-kontro-ezami ta' PS 426 Anthony Portelli (Seduta tas-27 ta' Settembru 2004) fejn dan ix-xhud qal: "Nghid jiena l-*bonnet* tal-karrozza dak il-hin jiena kont rajtu u nghid li fuqu pero` dak il-hin ma rajtx hsarat."

Illi mid-deposizzjoni tal-Ispettur Malcolm Spiteri moghtija fl-20 ta' Lulju, 2004 jemergi li l-incident mertu ta' din il-kawza sehh fit-23 ta' Mejju, 2004 f'xi s-siegha u nofs ta' filghodu (1:30 a.m.).

Illi fl-Okkorrenza tal-Pulizija esebita bhala Dok. GNS 1 hemm imnizzel is-segwenti:

"TODASY THE 24/05/04 AT ABOUT 10. 30 A.M. COMPL CALLED AT POALA POLICE STATION AND STATED THAT ON THE 23/05/04 AT ABOUT 10. 00A.M ON CHECKING THE CAR SHE OBSERVED A DENT ON THE BONNETT OF SAID CAR WERE THE RDIVER OF THE OTHER CAR BANGED ON THE BONNETT". (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir issa referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Isabella Zammit (Seduta tal-20 ta' Lulju, 2004) fejn din ix-xhud qalet: " 'L ghada fil-ghodu, fid-dawl tax-xemx, indunajt li l-*bonnet* tal-karrozza tieghi kellu tliet (3) makkjaturi u jiena mbaghad ghidt lill-Pulizija."

Hawn jigi osservat li fil-bran tal-Okkorrenza tal-Pulizija hawn fuq riportat hemm miktub "A DENT" u mhux semplicement "DENT" jew "DENTS" u allura dan ghandu jiftiehem li r-rapport sar fuq *dent* wahda, metri ix-xhud Isabella Zammit tghid li indunat bi tliet (3) makkjaturi! Il-Qorti tistaqsi ukoll l-ghala Isabella Zammit halliet sal-24/05/04 biex tirraporta dwar dak li skond hi sabet fuq il-*bonnet* tal-karozza taghha meta skond l-Okkorrenza hawn riferita Isabella Zammit osservat "A DENT" fit-23/05/04 ghal habta ta' l-ghaxra ta' filghodu?

Ix-xhud Isabella Zammit, in kontinwazzjoni tal-kontro ezami, fis-Seduta tat-28 ta' Marzu, 2005 *inter alia*, qalet: "Nikkonferma li l-ghada ta' l-incident jien mort l-Ghassa ta' Rahal Gdid. Jiena mort naghmel rapport li kelli hsarat fuq il-bonnet. Ma niftakarx lil min kellimt pulizija f'din l-okkazjoni. Qed nghid illi jiena kont hadt xi ritratti biex jindikawli l-hsarat pero` nghid illi l-pulizija li kellimt l-Ghassa ta' Rahal Gdid li ma nafx min hu, nghid li hu ma

kienx hareg jiccekkja l-karozza dwar dawn il-hsarat. Ir-ritratti jiena hallejthom l-ghassa."

Il-Qorti tosserva li dawn ir-ritratti li ghamlet riferenza ghalihom ix-xhud Isabella Zammit ma gewx esebiti fl-atti ta' din il-kawza. Hawn il-Qorti tistaqsi ghaliex ix-xhud Isabella Zammit, gialadarba xehdet illi l-pulizija li kellmet l-ghassa ta' Rahal Gdid li ma tafx min hu ma kienx hareg jiccekkja l-karozza dwar dawn il-hsarat, ma talbitx lil dan il-pulizija jew superjur tieghu biex johrog jara l-karrozza?

Mehuda in konsiderazzjoni l-versjonijiet moghtija mix-xhud Isabella Zammit u mill-imputat John Camilleri f'dak li xehdu u li gie riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hi tal-fehma li jemergu dubbji serji dwar il-kredibilita` tal-versjoni moghtija mix-xhud Isabella Zammit dwar kif allegatament sehhew il-fatti f'dan il-kaz u li dan jikkrea dubbju ragjonevoli dwar is-sussistenza tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat, liema dubbju ghandu jmur favur l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx lill-imputat Joseph Camilleri hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u minnhom tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------